**KUNSILL LOKALI LIJA**
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

## MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL

## SEDUTA NRU 43 - IT-TNEJN 16 TA' LULJU 2012

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr Marc Sant | Kunsillier |
| | Is-Sur Massimo Scerri | Kunsillier |
| | Is-Sur Alfred Buhagiar | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

### 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-LAQGĦA NUMRU 41 U 42 (KONTINWAZZJONI)

1.1 Il-minuti numru 41 U 42 (KONTINWAZZJONI) inqraw u wara dawn ġew approvati tliet voti favur - Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, il-Viċi Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, s-Sur Massimo Scerri u astjenew is-Sinjorina Lorraine Farrugia u Dr Marc Sant.

1.2 Lista ta' pagamenti annessa ġiet approvata unanimament fuq proposta tas-Sur Massimo Scerri u sekondata mis-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris.

## 2. OFFERTI ĠBIR TA' SKART GOFF U ĠBIR TA' SKART DOMESTIKU

2.1 Fuq proposta tas-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, sekondat mis-Sur Massimo Scerri, il-Kunsill approva unanimament biex il-kuntratt tal-ġbir ta' skart goff bejn il-Kunsill u l-kuntrattur, Jimmy Muscat, għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2012 sa 30 ta' Ġunju 2016, jiġi ffirmat kif deċiż fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

2.2 Fuq proposta tas-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, sekondat mis-Sur Massimo Scerri, il-Kunsill approva unanimament biex il-kuntratt tal-ġbir ta' skart domestiku bejn il-Kunsill u l-kuntrattur, Chris & Ronald Bezzina, għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2012 sat-30 ta' Ġunju 2016, jiġi ffirmat kif deċiż fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

## 3. PPP – TOROQ

3.1 Fuq proposta tas-Sindku Dr Ian Castaldi Paris, sekondat minn Dr Marc Sant, il-Kunsill approva b'erba' voti favur u astenzjoni tal-Viċi Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, biex tintalab opinjoni oħra tax-xogħlijiet li saru mill-Kuntrattur, Polidano Brothers Ltd., fil-proġett, PPP – Toroq, f'Ħal Lija.

3.2 Għal din ir-raġuni, is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, għandu jinforma lil Transport Malta bid-deċiżjoni tal-Kunsill biex dawn jagħmlu verifika tax-xogħlijiet fit-tliet toroq – Vjal Transfigurazzjoni, Triq Robert Mifsud Bonniċi, u Triq Annibale Preca.

3.3 Ix-xogħol fuq dawn it-tliet toroq kien iċċertifikat mill-*Contract Manager* tal-Kunsill, il-Perit John Rizzo Naudi, u wara li dawn kienu approvati mill-Kunsill, saret it-talba lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali biex dawn jgħaddu lill-Kunsill ta' Ħal Lija l-ammont dovut skont il-ftehim tal-PPP – Toroq.

3.4 Għalkemm id-Dipartiment kien għadda l-ammont dovut lill-Kunsill, il-ħlas dovut lill-kuntrattur, Polidano Brothers Ltd., qed jinżamm sakemm issir il-verifika tax-xogħlijiet.

## 4. URBAN IMPROVEMENT FUNDS (UIF)

4.1 Fuq proposta tas-Sindku, Dr Ian Catasli Paris, sekondat mis-Sur Massimo Scerri, il-Kunsill approva unanimament biex il-*Contract Manager,* il-Perit is-Sur John Rizzo Naudi, jagħmel emendi fl-applikazzjoni mħejjija biex isir tisbiħ fiċ-Ċentru Rekreattiv permezz ta' lanterni ornamentali, bankijiet, kontenituri għall-iskart, u tiswijiet ta' pavimentar, kif ukoll funtana żgħira adattata.

4.2 Il-Kunsill qabel li ma kienx hemm bżonn ta' ġiebja oħra kif proposta fl-applikazzjoni għar-raġuni li fiċ-Ċentru Rekreattiv hemm ġiebja kbira bizzejjed li tista' tintuża għall-istess proġett.

## 5. XOGĦLIJIET TA' BANKINI

5.1 Il-Kunsill approva unanimament biex isiru xogħlijiet ta' bankini fi Triq Giuseppe Cali', Sqaq Numru 1 fi Triq il-Kunċizzjoni, u fil-bidu tat-Triq Sant'Andrija.

5.2 Għandhom isiru xogħlijiet ta' manutenzjoni ta' *inspection boxes* li hemm fuq il-bankina fi Vjal Trasfigrazzjoni.

## 6. TALBA GĦALL-ĦLAS

6.1 Il-Kunsill irċieva talba għall-ħlas ta' ħsarat mingħand is-Sur Borg li kienu kkaġunati minn tappiera fi Triq il-Pantar.

6.2 Il-Kunsill irrefera t-talba lid-Drainage Department għar-raġuni li ftit ġimgħat qabel kienet inġibdet l-attenzjoni lil dan id-Dipartiment biex isiru t-tiswijiet neċessarji.

## 7. LAQGĦA

7.1 Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ġimgħa 10 ta' Awwissu 2012 fil-5:30p.m..

Il-laqgħa ntemmet fis-7:15 p.m..

| | |
|---|---|
| Dr Ian Castaldi Paris | Alfred Buhagiar |
| Is-Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |